# Kull Buffura Riħ

**Adrian Grima**

Minkejja l-isem "Ħamsin," dan l-album ta' Walter Micallef mhuwiex rendikont trijonfali taċ-ċertezzi li kibru miegħu imma konferma li x-xewqat u l-preokkupazzjonijiet tiegħu għadhom iħabbtuh u jnebbħuh biex jikteb lirika onesta li ma tippruvax tinħeba wara subgħajha u ma tfittixx kompromessi.

Il-kantawtur jitlaq bil-ħsieb li jirrakkontalna l-esperjenzi tiegħu, l-imħabba, ir-rabja, il-ħolm, l-istejjer li jseħħu madwaru, imma ħafna drabi nħossu li qed jirrakkontalna dak li ngħaddu minnu aħna stess u f'dan is-sens huwa l-portavuċi tagħna li bil-poeżija jirnexxilu jagħti xi tip ta' forma jew sens estetiku lit-tiġrib u l-emozzjonijiet imqallba tagħna. L-għanjiet ta' *Ħamsin*, għalhekk, għandhom mill-"ikħal ċar il-lewn t'għajnejha" li fihom "insib il-mistrieħ" ("Min hi?").

Minkejja li hija xogħol pjuttost bikri ta' l-1980, "Ma Temminnix" hija waħda mill-iktar poeżiji rappreżentattivi ta' dan l-album għax fiha hemm l-emozzjonijiet u x-xewqat kontra xulxin li janimaw u sikwit itertqu l-ħajja tal-bnedmin u jitfaċċaw kontinwament fl-għanjiet ta' kantawtur li tant inħossuh jirrappreżentana proprju minħabba din l-onestà skomda.

Iżda "Ma Temminnix" hija wkoll eżempju tajjeb tal-ħila ta' Walter Micallef li juża r-rima u l-metafora b'mod li jidher sempliċi imma jinħass effettiv. Ngħidu aħna, parti mis-suċċess ta' din l-għanja straordinarja donnu jistrieħ fuq ix-xbieha delikata imma tant suġġestiva tal-kantawtur li jħossu "jixxaqleb 'l hemm u 'l hawn" ma' "kull buffura riħ" tat-tfajla li "tagħmel kollox tant sabiħ." Ir-rima ġewwiena bejn "sabiħ" u "riħ" torbot flimkien l-esperjenza ċkejkna u komuni ta' buffura riħ ma' tbissima u ħarsa misruqa, ma' xewqat kbar u b'xi mod imrażżna.

Fil-kanzunetta "Għaċ-Ċkejkna" Walter Micallef jikteb mill-perspettiva ta' omm li tinqabad f'morsa bejn is-swat li taqla' mingħand żewġha u l-imħabba li għandha għal bintha. L-omm tibża' li jekk taqbad it-tifla u titlaq mid-dar, meta tikber bintha tikkundannaha talli ċaħħditha minn missierha, minkejja li jsawwat anki lilha. Il-kantawtur jirnexxilu jagħtina ħjiel tal-piż fiżiku u morali li qed iġġorr din l-omm u fl-istess waqt jikkummenta, forsi b'ironija, dwar il-kontradizzjoni bejn żwieġ "li ma jinħall qatt" u l-vjolenza li tnawwar l-ispirtu u tkisser il-ġisem, taħt il-ġilda u taħt il-komma twila, ta' din il-mara.

Ix-xewqa, mhux imwettqa, ta' ħafna minna li ngħixu f'armonija ma' persuna oħra, għal dejjem, "fit-tajjeb u l-ħażin," u ngawdu l-ulied bħala ommijiet u missirijiet tidher mill-ġdid f'"Ħelu u tal-Ġenn." Ix-xewqa ta' l-imħabba, li tnebbaħ ukoll l-għanja "Wara l-Ħajt," issir diqa meta l-maħbuba tittardja u min qed jistennieha jinħakem mill-biża' li mhix ġejja.

Waħda mill-isbaħ strofi f'dan l-album hija r-ritornell fl-għanja "Il-Kejl" li fih il-kantawtur, fl-isfond tal-firxa bla qies ta' l-univers, jara l-imħabba tiegħu flok l-istilel mixgħula mifruxin mas-sema, bla bidu, bla tmiem. Fix-xewqa tiegħu li jqis l-univers bħala kejl hemm is-seħer tal-bniedem ċkejken, insinifikanti, b'univers li l-kobor tiegħu jisboq saħansitra l-fantasija tiegħu - forsi bħax-xewqa, sfortunatament wisq akbar minnu, li jgħix relazzjoni ta' mħabba bla tmiem, bħala missier.

F'"Lil Dik il-Povra Kreatura" u "L-Aħħar Sekondi" Walter Micallef jistaqsi għaliex il-bnedmin, u speċifikament il-Maltin, jifqgħu t-tajr bil-balal waqt li jkun qed ipassi mijiet u ġieli eluf ta' kilometri minn kontinent għal ieħor. Ma jagħmilx distinzjoni bejn il-bnedmin u l-annimali: għalih huma "għajrna" u jeħtieġ li "nħobbuhom" għax hekk biss nistgħu "nibqgħu flimkien." Il-kantawtur iġarrab il-martirju tat-tajra milquta bħallikieku huwa l-martirju tiegħu: din mhix strateġija retorika vojta imma identifikazzjoni sinċiera mat-tbatija bla bżonn ta' ħlejqa li tħoss meta tweġġa'. F'dar-rakkont imqanqal il-mistoqsija skomda li tibqa' bla tweġiba titfi saħansitra r-rabja ta' min ma jistax jaċċetta l-moħqrija.

Il-kanzunetta ta' protesta "Lil Malta" tinqeda bil-metafora stabbilita ta' Malta-mara, jew Malta-omm, li sabet xorti kbira fil-poeżija romantika tagħna, biex toħloq il-varjazzjonijiet ta' Malta bħala d-Duluri u Malta-mara stuprata mill-kuntratturi u l-politiċi, varjazzjonijiet li nqdew bihom il-poeti Maltin ta' wara l-Indipendenza u jintużaw regolarment fid-diskors popolari mitkellem u stampat. Walter Micallef jixli lilna lkoll li quddiem il-ħerba li saret mill-ambjent naturali ta' pajjiżna mill-Indipendenza 'l hawn bqajna siekta, "żammejna pass lura." Is-skiet tagħna kien skiet ta' konvenjenza mhux ta' prudenza, ta' kompliċità mhux ta' innoċenza. Iżda kien ukoll is-skiet ta' l-indifferenza tagħna li fil-massakru ta' l-għasafar (patrimonju tagħna u tal-bnedmin kollha) jew il-privatizzazzjoni tal-kampanja (li wkoll hija ġid komuni) ma rajna xejn li jolqot l-interessi immedjati tagħna u "nsejna lil min għad jiritha." Kollha kemm aħna naħtu, imma kif jistqarr Walter Micallef, hemm min hu responsabbli iktar minn ħaddieħor: dawk li b'għemilhom u bir-regħba tagħhom lil Malta "fottewha" (kelma li l-etimoloġija tagħha torbotha mill-ġdid ma' l-istupru) u stagħnew bil-"ġungla tal-konkos" li bnew.

U la qegħdin fuq it-tema tas-sess: is-sensiela ta' għanjiet ispirati minn Gianni jew Ġanni, għidlu li trid, tkompli f'dan it-tieni album b'"Ħażin," li b'ton imqareb u niggieżi jirnexxilha tqaxxar il-karattru tal-protagonist u turi l-ħila u l-ħeffa li fihom Walter Micallef jilgħab bil-lingwa. Bħall-kuntratturi u l-politiċi bla skrupli ta' "Lil Malta," il-protagonist ta' din l-għanja huwa konvint li "bil-flus tagħmel triq fil-baħar / u tista' tixtri d-destin" u donnu ħadd ma jista' għalih. Bħal f'għanjiet oħrajn, minkejja li l-mistoqsijiet eżistenzjali jibqgħu jħufu madwaru qishom iħirsa, il-pożizzjoni tal-kantawtur f'"Ħażin" hija pjuttost ċara. Bejn it-tajjeb u l-ħażin jidher li jaf xi jrid jagħżel, imma jidher ukoll li m'għandux wisq tama li l-għażla tiegħu se tiswieli wisq ta' ġid u għalhekk donnu jippreferi, kieku jista', iwarrab il-ħafna ħsibijiet tqal u jkun bħal Pino, "kollu arja" iżda "moħħ ir-riħ."

---

Marzu 2007